MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Numru 553/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Stefan Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Stefan Cachia ta’ 18-il sena, bin Martin u Therese nee Carabott, imwieled Pieta fit-23 ta’ Novembru 1989, u joqghod “Casa Martina” Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, detentur tal-Karta tal-Identita Numru 562089(M).

Akkuzat talli fir-8 ta’ Jannar 2008 fuq il-monti tal-Belt Valletta, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamilt uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom

indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe numru ta’ DVDs ai termini tal-Artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura idduplika jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha, ai termini tal-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu  mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li l-prosekuzzjoni kienet diga bdiet tressaq il-provi f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-ammissjoni maghmula mill-imputat ma kienitx wahda bikrija, li l-imputat ma ikkoperax mal-pulizija, li mill-fedina penali aggornata tal-imputat jirrizulta illi minkejja l-eta zghira tieghu, l-imputat instab hati sitt darbiet ta' reati in konnessjoni ma' qerq fil-kummerc u fl-industriji u ksur tad-drittijiet tal-awtur, u inghata minn din il-Qorti, diversament preseduta erba' darbiet liberta kondizzjonata, u darbtejn ordni ta' probation. Pero jidher li sfortunatment, l-imputat ma hu qed jitghallem xejn mill-opportunitajiet li tatu din il-Qorti diversament preseduta. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li fil-kaz odjern l-ammont ta' DVDs kien wiehed zghir.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 298(1) u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet maghmula kontrih, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba' (4) xhur, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Frar 2013, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) dovut.

Ai termini tal-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

Il-Qorti qed tordna il-konfiska u distruzzjoni tad-DVDs esebiti mill-prosekuzzjoni taht il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------